Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦA AD HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**It-Tnejn, 8 t' April, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

## Skema għal-Impjieg Inklussiv fil-Komunita`

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi hija ġiet f'diffikulta ta' kif se jsir l-Kuntratt biex il-Kunsill ikun moħħu mistrieħ li l-impjegat li se jidħol, jagħmel ix-xogħol li jixtieq il-Kunsill. Għalhekk, il-Kunsill qabel li fil-Kuntratt jitnizlu lista' ta' xogħolijiet li jkunu mistenniha li jsiru min dan l-impjegat, li jinkludu: *general handy man, gardening*, ħidma fl-injam, tisqija, zebgħa, manutenzjoni tat-tabelli, zebgħa tas-sinjali tat-toroq, għajnuna waqt l-attivitajiet tal-Kunsill.

## Applikazzjoni għal-Fondi fuq Festival and Events

Dan il-Festival jista' jsir minn Settembru 2013 fejn l-iskop ta' dan il-Festival li jiffoka fuq il-wirt Għawdxi.

Franco Ciangura ħareġ bl-idea li jsir *re-enactment* t'Għajnsielem 60 sena ilu, fi zmien l-inglizi. F'din l-attivita` nkun hemm diversi *wine bars* u *bars* madwar żona mir-raħal, fejn f'din l-istess żona jkun hemm residenti bil-kostum ta' 60 sena ilu, *air raids* tal-ajruplani, karozzi antiki, użu tal-għajn fil-propja użu tagħha, zfin folkloristiku, banda, etc. Il-kunsill qabel ma din l-idea, u qabel ukoll li attivita` bħal din tinvolvi l-għajnuna tal-għaqdiet billi jipparteċipaw fiha. Għalhekk, ġie deċiż li ssir laqgħa mal-għaqdiet kollha tar-raħal fejn jiġi spjegat dan il-programm u jiġi assessjat l-interess tal-għaqdiet nhar il-Ħamis, 11 ta' Marzu fis-6.30pm. Din l-attivita` tista' issir fil-28-29 ta' Marzu, 2014.

## Applikazzjoni għal-Fondi għal Youth in Action

Il-kunsill iddeċieda li japplika għal dawn il-fondi biex ikun jista' jġib grupp ta' żagħżagħ min Tolfa f'Awwissu 2013.

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv